KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

### *Laqgħa Numru Erbgha u Sittin (64)*

***It-Tlieta, 10 ta' Jannar, 2017***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

***Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-5.40pm***

**64.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

64.1.1 Ma tressqu l-ebda ittri ta' apologiji

**64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

64.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 63 li nzammet nhar l-Erbgha, 14 ta' Dicembru 2016.

64.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 63 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

64.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 63. Il-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 63 gew approvati unanimament.

**64.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 64/2017 – Dicembru 2016 - Jannar 2017***

64.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 64-2017 biċ-ċekkijiet numru 5478 sa 5504 li tammonta €19,719.53

64.3.2 Għaldaqstant is-Sindku ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-ammont ta' €19,719.53
Proponent: il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: il-Kunsilliera Miriam Schembri

64.3.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 64-2017 ġiet approvata unanimament.

## <u>64.4 Fond Agrikolu Ewropew ghall-Izvilupp Rurali</u>

***Is-Sindku Darren Abela stieden lil Ms Alison Camilleri mill-Funding Support tal-Fond Agrikolu Ewropew ghall-Izvilupp Rurali***

64.4.1 Ms Camilleri tat spjegazzjoni dettaljata rigward dan il-fond fejn il-Kunsilli Lokali huma eligibbli sabiex japplikaw ghal din l-iskema fuq restawr ta' siti naturali u ta' siti rikonoxxuti bhala Natura 2000, immanigjar ta' siti naturali, restawr ta' hitan tas-sejjieh u thawwil ta' sigar.

64.4.2 Is-Sindku Darren Abela qal li il-lokalita' taghna ghandha hafna zoni rurali u ghaldaqstant din l-iskema tista' tkun ta' ghajnuna sabiex zoni rurali jigu restawrati.

64.4.3 Is-Sindku Darren Abela stieden lill-Kunsilliera sabiex iressqu l-ideat taghhom sal-laqgha li jmiss dwar liema siti jistghu jigu restawrati taht din l-iskema.

64.4.4 Is-Sindku Darren Abela irringrazzja lil Ms Camilleri tal-prezenza u l-informazzjoni li tat dwar dan il-fond.

***F'dan l-istadju tal-laqgha attenda il-Kunsillier Keith Fenech (6.10pm)***

***Il-Laqgha tkompliet skond l-Agenda***

## <u>64.5 Korrispondenza</u>

64.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza dwar zewg pagamenti minghand it-2minds dwar l-attivita tar-Russian Festival li sar f'Dicembru 2016. Wara diskussjoni, il-Kunsill m'approvax dawn il-hlasijiet u sostna li l-kuntrattur ghandu jibghat kull *invoice* li hemm pendenti biex dawn jigu evalwati f'daqqa fil-laqghat li jmiss.

64.5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza rigward l-applikazzjonijiet tal-PA, li tqassmu minn qabel. Dwar dawn hadd ma kellu oggezzjoni.

64.5.3 Tressqet korripondenza minghand il-WEEE Malta, fejn talbu laqgha mal-Kunsill sabiex jintlahaq ftehim sabiex l-iskart tal-WEEE li qed jingabar mill-kuntrattur tal-*Bulky Refuse* jibda jithallas mill-kumpanija.

64.5.4 Tressqet korrispondenza dwar il-Laqgha Plenarja minghand AKL li ser issir nhar is-Sibt 4 ta' Marzu 2017. Is-Sindku Darren Abela, il-Kunsilliera Rose Agius u l-Kunsillier Keith Fenech huma nterressati li jattendu ghal-laqgha u l-*working groups*.

64.5.5 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li saru diversi rapporti rigward il-*bus shelter* bla saqaf fil-bypass fejn s'issa ghadu ma giex irrangat, ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv ipproponiet li b'mod temporanju jitpogga saqaf tal-injam. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

**<u>64.6 Performance Bonus tal-istaff tal-Kunsill Lokali ghas-sena 2016</u>**

64.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill l-Appraisal Report tas-Sinjura D.Mallia u s-Sur S.Spiteri.

64.6.2 Wara diskussjoni dwar il-*performance* taz-zewg impjegati, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura D.Mallia tinghata il-massimu tal-*performance bonus* intitolata, filwaqt li s-Sur S.Spiteri jinghata 4.5% bhala *performance bonus* ghas-sena 2016.

**<u>64.7 Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2016</u>**

***F'dan l-istadju tal-laqgha, is-Segretarju Ezekuttiv harget mill-kamra sabiex issir diskussjoni.***

64.7.1 Wara diskussjoni dwar il-performance tas-Segretarju Ezekuttiv, il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Ezekuttiv tinghata 10% bhala performance bonus ghas-sena 2016.

**<u>64.8 Karnival 2017</u>**

64.8.1 Is-Sindku Darren Abela stieden lill-Kunsillier Keith Fenech sabiex jiftah id-diskussjoni dwar din il-materja u dwar il-preparamenti ghall-Karnival 2017.

64.8.2 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-programm jista jibqa kif kien is-sena li ghaddiet izda ppropona li l-baned din-is-sena ghandhom jaghtu s-servizz taghhom rispettivament fil-programm tat-Tnejn u tat-Tlieta minflok f'daqqa u l-Hadd. Dwar dan il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

64.8.3 Is-Sindku Darren Abela ippropona li ghal din is-sena ninvestu iktar f'din l-attivita u ghaldaqstant ipprona budget ta' €8000 sabiex isiru l-attivitajiet, filwaqt li l-Kunsillier Keith Fenech ippropona li parti minn dan il-budget ghandu jinghata lid-delettanti li jaghmlu l-karrijiet bhala incentiv u rimbors ghall-ispejjez sabiex jaghmlu l-karrijiet. Dwar dan kien hemm qbil fil-principju. Rigward l-ammont bhala incentiv dan ghandu jigi diskuss iktar il-quddiem fil-laqghat tal-Kunsill.

64.8.4 Is-Sindku Darren Abela ippropona li ghall-Karnival li jmiss il-Kunsill ghandu jaghmel bnadar bil-logo il-gdid tal-Karnival sabiex jitpoggew madwar il-lokal.

**<u>64.9 Devoluzzjonijiet</u>**

64.9.1 Is-Sindku Darren Abela semma s-siti li qeghdin fil-lista tad-devoluzzjoni li huma:
- Ix-Xelters tal-Pjazza
- L-art ghac-Centru Civiku fil-Bypass
- Il-Bandli u Santu Rokku fi Triq il-Gudja k/m Triq San Filippu
- Fetha Bir id-Deheb

64.9.2 Il-Kunsillier Keith Fenech semma ukoll il-fetha fi Triq il-Qattus.

64.9.3 Dwar dawn is-siti il-Kunsill qabel li jintalbu d-devoluzzjonijiet.

**64.10 Bankini fil-lokalita’**

64.10.1 Is-Sindku Darren Abela informa lil Kunsill li qed isiru d-diskussjonijiet sabiex Triq Santa Marija kif ukoll Triq il-Gudja jinghataw wicc gdid mill-Ministeru tax-Xoghlijiet u l-Infrastruttura. Aktar dettalji jinghataw fil-laqghat li jmiss.

64.10.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill ghandu jaghmel il-bankini fi Triq Santa Marija u Triq il-Gudja mill-fondi UIF li l-Kunsill iggenera matul is-snin. Ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jinforma l-perit sabiex issir l-applikazzjoni.

**64.11 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

64.11.1 Is-Sindku Darren Abela informa lil Vici Sindku u l-Kunsilliera li ser ikun imsiefer nhar l-14 sat-18 ta’ Frar 2017.

64.11.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex Triq Manwel Dimech issir *two way*. Din it-talba ma gietx milqugha.

64.11.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq rapport rigward ammont ta’ hgieg li mhux jingabar minn wara l-bibien tar-residenti specjalment tal-isqaqien. L-istess rapport sar dwar il-gbir ta’ skart goff fejn xi residenti ukoll irrapurtaw li mhux jingabar mill-isqaqin. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-Kuntrattur dwar dan.

64.11.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar sitwazzjoni li nqalghet fi Triq Qattus, l-ghalqa fil-bidu ta’ Triq Tumbarellu fejn sid l-ghalqa ghalaq l-access lir-residenti li joqoghdu wara l-ghalqa u fetah access iehor. Ir-residenti qed jilmentaw li minn dan l-access ma jistghux johorgu u ghaldaqstant qed jitolbu li ssir it-Triq. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li it-Triq trid issir l-ewwel darba mit-TM u l-applikazzjoni trid issir mal-bini. Ghladaqstant f’dan l-istadju l-Kunsill qabel li jwitti ftit il-passagg bit-terrapien filwaqt li jibghat il-Lands sabiex jinghata informazzjoni dwar il-propjetarji tal-art jekk hux il-gvern jew il-privat.

**64.12 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

64.12.1 Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa dwar il-process tal-accounts tal-2016. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li qed isir l-inputting ta’ din is-sena mill-*Accountants* tal-Kunsill.

64.12.2 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ressaq rapport rigward wires tad-dawl imdendlin mal-arbli fi Triq il-Belt Valletta. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se jsir ir-rapport lill-entita responsabbli.

64.12.3 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ppropona li ssir il-bankina fi Triq il-Belt Valletta sa Sqaq Vova sabiex il-wires tat-telefon u tal-istreet lighting jigu mghoddija minn taht il-bankina. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni sabiex issir il-bankina.

**64.13 Tmiem tal-Laqgha u d-data tas-Seduta li jmiss**

64.13.1 Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |